# Ħamsin sena mill-mewt ta' Salvu Mifsud 'Panziku'



*kitba ta'*
*Louis Fenech*

Forsi mhux kulħadd jaf jew jiftakru lil Salvu Mifsud. Figura prominenti u rispettata ħafna minn nies ta' Ħal Lija. Iżda dawk li għandhom 'il fuq minn ħamsin sena, żgur li jiftakruh lil Salvu Panziku.

Salvu twieled fid-9 ta' Awwissu tal-1893, u għex ma' ħuh Indrin u oħtu Rita ġewwa Ħal Lija fil-bidu ta' Triq id-Dejqa, ħdejn il-knisja ta' San Pietru, għal 71 sena meta l-mewt ħasditu għal għarrieda nhar il-25 ta' Ottubru tal-1964. Salvu huwa wild Giovanni u Marianna Fenech. Għalhekk din is-sena jagħlaq ħamsin sena mejjet. U tajjeb, anzi jixraq li wieħed ifakkar il-memorja ta' kompajżan li għamel unur lil Ħal Lija.

Salvu kien iħobb ħafna lil Ħal Lija, speċjalment il-festa tas-Salvatur, li għalih kien imsemmi. Biex niftakruh sewwa, u kemm kienet għal qalbu l-festa, Salvu kien kull sena jikteb poeżija/sunett fuq is-Salvatur, u kien iqassamha, fuq karta volante, fil-quddiesa kantata ta' nhar il-festa. Barra l-festa, Salvu kien ukoll jikteb xi poeżija biex ifakkar l-ewwel quddiesa ta' diversi saċerdoti tar-raħal kif ukoll ta' dawk il-barranin li kien jaf, u xi okkażjonijiet oħra. Iżda waħda mill-poeżiji li kienet għal qalbu kienet dik li kiteb fl-ingress ta' Mons. Arċisqof Gonzi f'Mejju tal-1964. L-ewwel poeżija/sunett li kien kiteb kien fl-1911, u minn dik is-sena sakemm għalaq għajnejh ma falliex darba li ma qrajniex il-poezija tiegħu ad unur Kristu Salvatur.

Is-sabiħ ta' dan ir-raġel maħbub kien li ħlief l-iskola elimentari tal-gvern ma marx. Iżda għalkemm ma attendiex xi Lyceum jew skola għolja, kien bniedem erudit ħafna. Kien jieħu interess fil-ħajja ta' madwaru u spiss kien jikteb xi artiklu jew xi ittra fil-ġurnali Maltin ta' dak iż-żmien. U fejn ma jaqbilx kien anke jirrispondi u jesprimi l-konvenzjonijiet tiegħu fuq dak li ma kienx jaqbel. Kif għamel darba minnhom lil Mike Buongiorno fil-programm *Rischia Tutto*. Dan kien ma qabilx miegħu fuq xi ħaġa li kien qal u kien anke kitiblu fejn ikkoreġieh. Kulħadd għaddieh biż-żmien. Iżda meta fil-programm tal-ġimgħa ta' wara semgħu lil Buongiorno jgħid li kien irċieva ittra mingħand Malti li kien ikkoreġieh, kulħadd kellu jibla' dak id-daħk tal-ġimgħa ta' qabel.

Salvu kellu għal qalbu wkoll il-kotba u kien jgħaddi ħafna minn ħinu jirriċerka, jaqra, jixrob u jixtarr minn dik għajn tal-għerf li jinsab fil-kotba tal-librerija. Jien kont għadni tfajjel u sikwiet kont nitkellem miegħu. Darba kien qiegħed bħas-soltu bilqiegħda fuq dawk it-tarġiet dojoq li hemm mal-istatwa ta' San Pawl. Sellimtlu u beda jkellimni. Din id-darba beda jkellimni fuq Dante u d-Divina Commedia. Għax Salvu kien iħobbha ħafna il-letteratura taljana speċjalment fuq Dante. U kien jidher li r-raġel kien jaf xi jgħid. Niftakar sewwa, hu kien qalli li kien ukoll għamel xi recordings ta' xi paragrafi żgħar jekk niftakar tajjeb mill-Inferno ta' din Id-*Divina Commedia*. Dante kien tefa' ħafna nies prominenti Taljani fl-infern biex ipattihielhom, jew għax ma kellux grazzja magħhom. Kien ukoll assoċjahom ma' ħsejjes ta' annimali. Waħda minn dawn il-ħsejjes kienet, li meta wieħed jaqraha pjuttost mgħaġġla dawk il-vrus speċifiċi kienet toħroġ ħoss ta' tiġieġa qed tqaqi. U hekk kien. Bqajt skantat inħares lejh kif dawwar ilsienu ma' dawk l-erba' vrus biex ħareġ dak il-ħoss. Forsi inti li qed taqra din tidħak. Imma kieku kellek tisma' lilu kif għamilt jien kont tgħid li għandu raġun, u bħali tibqa' b'ħalqek miftuħ. Il-ħoss l-ieħor kien ta' kelb qed jinbaħ. Daqshemm kien jidħol fil-fond fir-riċerka u l-istudji li kien jagħmel. U anke kien iddiskuta dawn iż-żewġ ħsejjes ma' studjużi kemm Maltin kif ukoll Taljani. Qalli li kien hemm min ta widen tal-ħsieb tiegħu dwar dawn il-vrus assoċjati mal-ħsejjes li hu kien ħareġ minn dawk il-vrus. Iżda meta kont titkellem miegħu kont tieħu gost tisimgħu jirrakkonta, l-aktar meta jinduna li qed tieħu interess f'dak li kien qiegħed jgħid.

"Panziku", ma kitibx biss poeżiji. Lil Ħal Lija kien



iħobbha. Kien għamel studju u r-riċerka bir-reqqa fuq ir-raħal u kien ippubblika ktejjeb fl-1932. Dan il-ktejjeb huwa xhieda ta' kemm kien erudit dan Salvu. Ta' kemm kien bniedem kulturali u ta' informazzjoni vasta fuq kważi kollox. Fih kien ta l-istorja ta' Ħal Lija, kif ukoll ta informazzjoni fuq il-kappelli ta' madwar ir-raħal u naturalment xi poeżija fuq it-Tabor ma naqsitx. Barra mill-istorja fuq ir-raħal, Salvu kien għamel ukoll studju fuq il-ħajja ta' Ġesu kif jixhed dan l-istess ktejjeb. Kien ta lista ta' knejjes li jagħtu ġieħ lis-Salvatur, l-ewwel festa f'ġieħ is-Salvatur f'Ħal Lija, lista tal-kappillan u anke nies minn Ħal Lija li għamlu unur lill-pajjiżhom u r-raħal tagħna wkoll.

Barra dan kollu, "Panziku", kien ukoll kiteb dramm storiku fuq Dun Mikiel Xerri li kien inħadem fuq il-palk tar-Radio City, illum iċ-Ċentru Nazzjonali Laburista. Barra l-kitba, Salvu kien ukoll jagħmel xi diskorsi f'okkażjoniijiet li kienu jittellgħu minn żmien għal żmien. Kulħadd kien jisimgħu u wara wkoll kien ilaqqat xi ċapċipa żgħira, meta fil-festa tas-Salvatur jew f'xi okkażjoni oħra kien jagħmel xi kelmtejn qosra, mill-gallarija ta' quddiem il-knisja.

Salvu wkoll kellu qalbu tad-deheb. Iżda kien bniedem umli u xejn imkabbar b'li jagħmel. Kif spiċċat il-gwerra hawn Malta kienu saru ħafna quddies biex jirringrazzjaw lil Alla talli ħelisna minn dan il-gwaj. U f'Ħal Lija ma kienetx eċċezzjoni. Jiena ma niftakarx, imma nisma' lin-nannu jgħid li fiż-żebbuġ kien hawn stakkament ta' suldati minn Basutoland. Nhar il-festa tal-Għid-il-Ħamsin nhar it-13 ta' Ġunju 1943, fi żmien il-Kappillan Dun Karm Lia, kienet saret quddiesa ta' ringrazzjament, fejn kienu mistiedna dawn is-suldati, li ħafna minnhom kienu, u anke kien hemm li tgħammdu u saru Nsara f'Ħal Lija. Salvu kien stinka biex isir dan il-festin u jingħataw xi kwadri u statwi lil dawn is-suldati. Salvu kien għamel diskors bl-Ingliż, u wara wieħed minnhom kien ittraduċa dak li ntqal. It-trattament kien sar fil-Każin tal-Banda San Pio X, fejn kienu tkantaw anke innijiet sagri minn dawn is-suldati.


S. MIFSUD

TIFCHIRA

TAL FESTI SOLENNI F'HAL-LIA

IL GHOXRIN CENTINARJU

TAT-TRASFIGURAZIONI GLORIUSA

TA

SIDNA GESU' CRISTU

SALVATUR TAD-DINJA

MIL 31 TA LULJU SAS-7 TA AWISSU 1932.

Ġrajja oħra li kien organizza Salvu, flimkien ma' Mario Agius, bniedem ieħor erudit minn Ħal Lija, kienet meta kien fakkar il-memorja ta' bniedem erudit ieħor li għamel isem lil Ħal Lija – Annibale Preca. Salvu kien ammiratur kbir ta' dan Preca, u kien ħejja programm intensiv, flimkien ma' Mario Agius, fuq il-ħajja ta' dan il-kittieb u studjuż minn Ħal Lija. Dakinhar, il-25 ta' Novembru 1951, fejn l-istatwa ta' San Ġużepp fi triq imsemmiha għal Preca, kienet twaħħlet irħama kommemorattiva f'għeluq il-ħamsin sena minn mewtu. Salvu kien xieraq li għamel kelmtejn fuq il-ħajja ta' dan l-istudjuż minn Ħal Lija fejn ta sintesi ta' ħajtu u x-xogħol li wettaq, fejn anke kien ħeġġeġ lill-awtoritajiet biex terġa' tiġi stampata mill-ġdid l-*Storja Sagra* tiegħu. Kienu wkoll tkellmu xi nies oħra studjużi minn Ħal Lija

Lil Salvu ma nistgħux nisimgħuh aktar, speċjalment meta għaddew 50 sena minn mewtu. Iżda bħalma jien għandi memorji sbieħ ta' dan ir-raġel li ta eżempju li b'ħiltu u bl-entużjażmu li kellu lejn it-tagħlim, għandu jtina lezzjoni ta' kif il-bniedem m'għandu qatt jaqta' qalbu jekk forsi ma kellux opportunita li jmur l-iskola – għalkemm illum l-affarijiet huma tant differenti minn dawk iż-żminijiet li twieled u trabba fihom Salvu, u anke dawk ta' tampari. It-tagħlim ma takkwistahx billi tmur l-iskola biss. L-għerf wieħed jakkwistah billi jaħdem għalih u jqalleb kotba, llum l-internet ukoll, u jixtarr sewwa u jieħu interess f'dak li jkun qed jitgħallem, biex iżommu u jkun kapaċi jgħaddih lil ħaddieħor. Barra minn hekk ma tridx tistħi turi l-konvinzjonijiet tiegħek u tesprimi dak li tħoss mingħajr ma tweġġa' lil ħadd, anke jekk ma jintonawx mal-ideal tiegħek.

Jidhirli jien li għandna nfakkru l-memorja ta' ħafna nies minn Ħal Lija li għamlu isem. Nies li għamlu isem 'il barra mill-konfini tar-raħal tagħna. Jiena kont diġa' ktibt fuq tnejn – missier u ibnu li kienu magħrufin ma' Malta kollha. Dawk kienu Mons. Ġwann Dumink Attard, li kien l-ewwel kappillan minn Ħal Lija. Kien ukoll kappillan tal-parroċċa tal-Isla li ta bidu tal-knisja parrokkjali u li wara kien laħaq Monsinjur tal-Katedral. Għamel erba' snin Vigarju Kapitulari u anke kien għamel vista pastorali wkoll. Missieru kien dak l-arkitett fdat mill-Gran Mastru Wignacourt, li kompla l-akwadott minn Ħ'Attard sal-Belt Valletta u kien ukoll wieħed mill-periti tal-Ordni tal-Kavallieri.

Iva, mela Ħal Lija għandha biex tiftaħar, għax minnha wkoll ħarġu nies ta' stoffa.

